MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 55/2002/1

**Johnny J. Company Limited**

**vs**

**Carmel sive Charles Falzon f'ismu proprju u ghan-nom tas-Socjeta` Marketing International Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Mejju, 2002 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

""Il-Bord,

Ra r-rikors;

Illi s-socjeta` esponenti hija l-propjetarja tal-fond store maghruf bhala SGS, f'Reservoir Street, San Gwann;

Illi s-socjeta` esponenti tikri lill-intimati l-fuq imsemmi fond, versu l-kera ta’ tlett elef, tmien mija u hamsin lira Maltin (LM3,850) fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem u l-kera prezenti taghlaq fit-30 ta’ Gunju 2002;

Illi l-intimati naqsu li jhallsu l-kera minnhom dovuta kif fuq imsemmi allavolja kemm il-darba gew interpellati sabiex jaghmlu dan, tant illi huma debituri tas-socjeta` esponenti ghal eluf kbar ta’ liri u s-socjeta` rikorrenti sahansitra waslet biex tipprezenta citazzjoni ghall-arretrati tal-kera u krediti ohra u xorta wahda l-intimati, sallum, ghadhom ma hallsux;

Illi f’Jannar ta’ din is-sena, John Micallef, ghan-nom tas-socjeta` esponenti, personalment wassal ittra lill-intimati fejn gew interpellati sabiex ihallsu l-arretrati ta’ kera minnhom dovuti izda huma xorta wahda baqghu inadempjenti;

Illi a tenur ta’ l-artikolu 9(a) tal-Kap 69 l-esponenti ghandha d-dritt tirriprendi l-pussess tal-fond in kwistjoni;

Ghaldaqstant is-socjeta` esponenti titlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord joghgbu in vista tac-cirkostanzi fuq premessi, jawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-fond store maghruf bhala SGS, f’Reservoir Street, San Gwann u konsegwentament jordna l-izgumbrament ta’ l-intimati mill-fond imsemmi fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom iffissat;

Bl-ispejjez.

Ra li fis-seduta ta’ llum deher rapprezentat tas-socjeta’ rikorrenti assistit mill-avukat tieghu.

Ra li l-intimat ma deherx u lanqas ressaq risposta fir-Registru.

Ra l-art 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jilqa’ t-talba tas-socjeta rikorrenti u jawtorizzaha terga’ tiehu f’idejha l-fond/store maghruf bhala SGS, f’Reservior

Street, San Gwann; ghall-fini ta' l-izgumbrament jipprefiggi t-terminu ta' xahar millum; l-ispejjez jithallsu mill-intimat Carmel sive Charles Falzon fil-kwalita' tieghu premessa."

Il-konvenut nomine appella minn din is-sentenza bl-aggravju illi l-Bord li Jirregola l-Kera laqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti meta fil-fatt huwa kien ikkontesta dik l-istess talba.

Effettivament jirrizulta illi l-Bord laqa' t-talba fuq il-bazi ta' dak dispost fl-Artikolu 30 tal-Kap 69. Dan in raguni tal-motivazzjoni illi l-intimat nomine la kien deher fl-udjenza u lanqas ressaq risposta fir-Registru.

Huwa evidenti hafna mill-atti processwali illi l-ilment tal-appellanti nomine hu ben fondat. Jirrizulta fil-fatt illi dan kien intavola risposta fir-Registru fis-17 ta' Mejju 2002 izda din baqghet ma gietx inserita fil-process minn min kellu jassikura li dan isir. Dan gab b'konsegwenza illi fl-20 ta' Mejju 2002, il-jum appuntat ghas-smiegh tal-kawza, l-Bord applika n-norma surreferita tal-ligi specjali u ghadda ghad-decizjoni f'dak l-istess jum.

Issa t-tieni paragrafu tal-Art 30 tal-Kap 69 jikkontempla l-kaz meta l-intimat ma jikkontestax it-talba fl-ewwel seduta li ghaliha l-kawza tkun giet appuntata. Jiddisponi in fatti illi "jekk fil-jum maqtugh ghas-smigh tal-kawza ma jkun hemm ebda osservazzjoni b'kontestazzjoni ta' dak li jkun hemm fir-rikors, il-Bord jilqa' t-talba".

Minn dan it-test tal-ligi huwa car illi l-presenza tal-intimat fl-ewwel seduta, ghalkemm fil-prattika desiderabbli dejjem, mhiex essenzjali. Dan ghaliex, dejjem skond il-vot tal-ligi, l-importanti hu li l-Bord ikollu konjizzjoni tal-fatt illi l-intimat jikkontesta t-talba.

Fis-sentenza taghha tat-13 ta' Jannar 1999 fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Mifsud et –vs- David Cremona**", li incidentalment ukoll kienet titratta minn risposta mhux imdahhla fil-process, il-Qorti ta' l-Appell interpretat l-artikolu in diskussjoni b'dan il-mod:-

“(a) Min ikun intenzjonat jammetti t-talba hu awtorizzat illi jaghmel hekk billi jipprezenta att fir-Registru f’kull zmien qabel il-jum meta kellu jinstema’ r-rikors;
(b) L-artikolu pero` ma jippreskludix lill-intimat li qabel l-ewwel jum tas-smiegh, b’risposta fir-Registru, jaghmel l-opposizzjoni tieghu ghat-talba tar-rikorrent. Tali risposta l-intimat jista’ jipprezentaha seduta stante fl-ewwel jum tas-smiegh, u dan il-ligi espressament tippermettih, imma certament huwa konsentit li ma kien hemm xejn x’izomm lill-intimat li jipprezenta dan l-att qabel l-ewwel jum tas-smiegh;
(c) Risposta hekk prezentata jkollha rilevanza ghall-fini tat-tieni parti ta’ l-Artikolu 30. Dan ifisser li waqt li m’ghandiex tigi minimizzata l-procedura volutament sommarja li biha l-Bord kellu jikkonduci s-smiegh tal-kawza quddiemu, u lanqas ghandha tigi injorata l-importanza tal-presenza ta’ l-intimat personalment jew xort’ohra fl-ewwel smiegh tar-rikors, il-fatt li l-intimat ikun irregistra l-opposizzjoni tieghu ghat-talba <u>qabel</u> l-ewwel jum tas-smiegh kellu jinghata piz debitu mill-Bord li kien obbligat li jiehu konjizzjoni taghha u mhux jinjoraha”.

Fic-cirkostanzi maghrufa tal-kaz prezenti, bi kliem misluf mid-decizjoni fl-ismijiet “**Joseph Scicluna nomine –vs- Paolo Magri et**”, Appell Civili, 29 ta’ Novembru 1963, “l-Qorti jidhrilha li hu irreali li wiehed jghid li l-appellanti kien kontumaci fis-sens li ma kienx ikkontesta jew kien aderixxa ghat-talba u li din it-talba, ghalhekk, setghet tigi milqugha skond l-imsemmi artikolu 31 (illum Art 30)”.

Hi ghalhekk ghal kollox f’lokha t-talba tal-appellanti nomine meta nvoka lil din il-Qorti ta’ revizjoni tirrivendikalu l-principju bazilari tal-audi alteram partem li jaghti l-poter lil kull Qorti tirrimedja ghal sitwazzjoni ta’ vjolazzjoni tad-dritt fondamentali ghal smigh xieraq, una volta ukoll giet ottemperata u osservata d-disposizzjoni tal-ligi li tghodd ghall-kaz.

Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet “**Joseph Debono et –vs Dottoressa Irene Condachi**”, Appell Civili, 27 ta’ Gunju 1955, li si trattava wkoll ta’ appell mill-Bord li Jirregola l-

Kera, "biex dik il-parti tirnexxi fl-azzjoni taghha ghall-annullament ta' sentenza moghtija minhabba vjolazzjoni ta' dak il-principju, jehtiegilha tipprova li hija sofriet dik il-privazzjoni ngustament, jigifieri mhux bi htija addebitabbli lilha; ghax inkella jissubentra l-principju l-iehor "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire"."

Osservazzjoni din li sabet favur fil-kawza ghall-annullament ta' sentenza tal-istess Bord deciza fil-25 ta' Lulju 1969 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "**Agostino Mangion -vs- Angelo Mangion**".

Il-Qorti hi sodisfatta illi l-appellanti nomine ma kienx in kolpa b'xi agir voluntarju tieghu u lanqas ma kien hekk id-difensur mandatarju tieghu. Fil-verita` l-amministrazzjoni tal-gustizzja giet imfixkla bi traskuragni jew b'indifferenza ta' min kien responsabbli mill-atti fir-Registru. Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkondividi s-sottomissjoni tas-socjeta` appellata illi s-sentenza hija gusta u li din timmerita konferma. Ghall-kuntrarju l-appell interpost ghandu jirnexxi u jircievi akkoljiment pjen minn dina l-Qorti.

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell, tannulla u thassar is-sentenza appellata u b'hekk tirrimetti l-atti lill-Bord li Jirregola l-Kera ghas-smiegh mill-gdid tal-kawza.

Minhabba c-cirkosanzi tal-kaz l-ispejjez ta' dan l-incident quddiem il-Bord u fl-appell jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------